MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## IAN FARRUGIA

Seduta tat-18 ta' Frar, 2015

Numru. 189/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Victor Aquilina)**

**Vs**

**Jallo Mamadou**

**Il-Qorti**;

Rat li l-imputat Jallo Mamadou ta’ 18 il-sena iben Seb Jallo and Koulibaly, imwieled il-Mali nhar il-01/01/1997 u residenti gewwa Hal Far Open Centre u detentur tan-numru moghti mill-Pulizija 14C-106, gie akkuzat talli :

1. fis-17 ta' Frar 2015 u fil-jiem ta' qabel f'dawn il-gżejjer iffalsifika, biddel jew għamel xi tibdil f'Permesso di Soggiorno Taljana u Passaport Taljan jew uża jew kellu fil-pussess tiegħu xi Permesso di Soggiorno Taljan u Passaport Taljan li hu kien jaf li ġew iffalsifikati, mibdula jew sar xi tibdil fihom f'isem Mahmad Husem bin-numru IO3194389 u 064000 rispettivament (Kap 61, Sec 5 tal-Liġijiet ta' Malta);

2. Kif ukoll nakkużah talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi għamel falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamel użu minn xi dokument iehor iffalsifikat, fid-dokument hawn fuq imsemmi (Kap 9, Sec 189 tal-Liġijiet ta' Malta);

3. Kif ukoll nakkużah talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi mingħajr awtorità leġittima uża jew kellu fil-pussess tiegħu xi dokument, meħtieġ għall-finijiet ta'dan l-Att li kien falsifikat (Kap 217, Sec 32(1f) tal-Liġijiet ta' Malta);

Rat il-verbal tas-Seduta ta' llum stess;

Rat l-atti u d-dokumenti u semghet lill-Ufficjal Prosekutur bil-gurament;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat anki wara li inghata iz-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Semghet is-sottomissjoniet finali dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**;

Illi in vista ta' din l-ammissjoni, u la darba ma hemm xejn x'jindika li din il-Qorti ma ghandhiex toqghod fuq tali ammissjoni, l-Qorti ma ghandiex triq ohra hlief li ssib htija skond l-imputazzjonijiet kif dedotti.

Qieset illi dan il-kaz beda u ser jispicca b'heffa liema bhala. U definittivament l-ammissjoni f'dan l-istadju ta` l-imputat qed tittiehed in konsiderazzjoni fil-kalibrazzjoni tal-piena.

**Ghal-mottivi premessi l-Qorti**, wara li rat l-Artikolu 5 tal-Kap 61, l-Artikoli 17, 31, 189 u 28A tal-Kap 9, u l-Artikolu 32(1)(d)(f) tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta` Malta, issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu u tikkundannah ghal sitt (6) xhur prigunerija, li bl-applikazzjoni u ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9, jibqghu sospizi ghall-perjodu ta' sena millum.

Il-Qorti tat lill-hati l-ispjegazzjoniet mehtiega skond l-Artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------